MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Numru. 233/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Carmel sive Charles Zammit, iben il-mejjet Joseph nee` Fenech, imwieled Qormi nhar id—19/11/1968, residenti 69, Dar Zernieq, Triq Dun Gwann Cilia, Qormi, ID Card No. 504068M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzia migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' April, 2007 u fil-gimghat ta' qabel din id-data;

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-

pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kif ukoll talli sar recividiv wara diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija nhar l-24 ta' Frar 2004 mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D; il-11 t'April 2005 mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D; id-9 ta' Marzu 2005 mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D. (kaz 1); id-9 ta' Marzu 2005 mill-Magistrat A. Vella LL.D. (kaz 2); it-28 ta' Settembru 2005 mill-Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D; is-16 ta' Frar 2006 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D; u d-19 ta' Jannar 2006 mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D; ki fukol mil-Qorti ta' l-Appel moghtija nhar id-29 ta' Lulju 2002, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrijat tal-imputat, izda fuq kollox il-fatt illi l-imputat fl-ahhar jidher illi qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga u ghalhekk piena karcerarja f’dan il-kaz mhix wahda idoneja.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta’ hames mitt euro (€500) liema multa tista’ tithallas fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ Dok PG5

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------